Dokument ta' sessjoni

4.4.2011 B7-0252/2011

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja, fil-Baħrejn u fil-Jemen

Charles Tannock, Ashley Fox, Ryszard Antoni Legutko, Michał Tomasz Kamiński, Tomasz Piotr Poręba, Ryszard Czarnecki, Adam Bielan, Konrad Szymański
on behalf of the ECR Group

B7-0252/2011

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja, fil-Baħrejn u fil-Jemen

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-Sirja, il-Beħrejn u l-Jemen,

– wara li kkunsidra għadd kbir ta' dikjarazzjonijiet tar-Rappreżentant Għoli/Viċi President Catherine Ashton dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja, il-Baħrejn u l-Jemen,

– wara li kkunsidra r-rapport dwar ir-Relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf (2010/2233(INI)),

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Jemen tal-21 ta' Marzu 2011,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

Is-Sirja

A. billi ċ-ċittadini tas-Sirja huma soġġetti għal arrest arbitrarju u priġunerija mingħajr proċess, jew proċess minn qorti militari u m'għandhomx ġudikatura indipendenti li tiddefendihom, m'għandhomx il-libertà tal-kelma u m'għandhomx dritt iggarantit bil-liġi li jipprotestaw,

B. billi fis-16 ta' Marzu bdew id-dimostrazzjonijiet f'Damasku, segwiti mill-manifestazzjonijiet tal-'ġurnata ta' dagħdigħa' f'ħafna bliet fis-Sirja, li fihom inqatlu tal-anqas erba' persuni, li wassal għal aktar inkwiet u aktar dimostrazzjonijiet,

C. billi l-Gvern tas-Sirja għamel numru ta' dikjarazzjonijiet pubbliċi ta' impenn favur il-libertà tal-espressjoni u l-parteċipazzjoni politika iżda naqas milli jwettaq progress tanġibbli dwar din il-kwistjoni,

D. billi l-President Bashar al-Asad naqas li jimpenja ruħu favur aġenda speċifika ta' riforma li tissalvagwardja l-libertajiet pubbliċi u l-indipendenza ġudizzjarja u li jipprojbixxi l-Gvern Sirjan milli jostakola d-drittijiet tal-bniedem,

E. billi l-Gvern Sirjan juża l-Qorti Suprema għas-Sigurtà Statali (SSSC), qorti speċjali li tibqa' barra mis-sistema ta' ġustizzja kriminali ordinarja, biex jittellgħu l-qorti l-attivisti politiċi u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem,

F. billi s-Sirja ddikjarat stat ta' emerġenza fl-1963 u, sal-ġurnata tal-lum, għadha ma rrevokatx il-Liġi ta' Emerġenza tas-Sirja,

Il-Baħrejn

G. billi fl-14 ta' Frar, il-'Ġurnata ta' Rabja dimostranti paċifiċi nġabbru f'Manama ċentrali

sabiex jitolbu kostituzzjoni ġdida,

H. billi, b'risposta għal dawk il-protesti paċifiċi l-forzi tas-sigurtà użaw forza konsiderevoli, billi attakkaw lid-dimostranti paċifiċi bil-gass tad-dmugħ u bil-bulits tal-gomma,

I. billi t-truppi Sawdin daħlu fil-Baħrejn bil-kompitu ddikjarat li jipproteġu l-infrastruttura essenzjali, bħalma huma l-installazzjonijiet taż-żejt,

J. billi l-persunal tal-forzi tas-sigurtà allegatament sawtu lit-tobba mill-isptar Salmaniya li kienu qed jippruvaw jgħinu lill-feruti fit-toroq,

Il-Jemen

K. billi l-moviment favur id-demokrazija ilu jissaħħaħ fil-Jemen sa minn Jannar 2011 u wassal għall-protesti riċenti favur id-demokrazija fit-toroq ta' Sanaa,

L. billi l-miraturi sparaw fuq il-kamp ta' dawk favur id-demokrazija fil-belt kapitali Sanaa, fit-18 ta' Marzu 2011 u qatlu aktar minn 50 ruħ,

M. billi l-parlament tal-Jemen fit-23 ta' Marzu 2011 approva l-leġiżlazzjoni ta' emerġenza li tawtorizza 30 ġurnata ta' setgħat mifruxata' arresti, detenzjonijiet, u ċensura,

N. billi fl-1 ta' April eluf ta' dimostranti ħarġu fit-toroq ta' Sanaa b'oppożizzjoni għall-President Ali Abdullah Saleh; billi fl-istess ġurnata l-forzi tas-sigurtà sparaw fuq id-dimostranti fil-belt Jemenita ta' Taiz u qatlu minn tal-anqas 12-il persuna u ndarbu ħafna aktar,

O. billi l-Jemen hu l-aktar pajjiż fqir fil-Lvant Nofsani bi tnaqqis ta' riżervi taż-żejt, popolazzjoni li dejjem tikber, gvern ċentrali dgħajjef, nuqqas ta' ilma li dejjem jiżdied u b'investiment baxx fl-ekonomija tal-pajjiż,

1. Jinsisti li l-Gvernijiet tas-Sirja, tal-Baħrejn u tal-Jemen jiggarantixxu protezzjoni għad-dimostranti u jżommu d-dritt tad-dimostranti li jieħdu sehem fid-dimostrazzjonijiet paċifiċi biex jiggarantixxu l-libertà tal-espressjoni;

2. Jistieden lill-Gvernijiet tas-Sirja, tal-Baħrejn u tal-Jemen iwaqqfu immedjatament l-użu tal-forza kontra d-dimostranti paċifiċi; iħeġġeġ lill-forzi tas-sigurtà jaġixxu bl-akbar moderazzjoni possibbli meta jirreaġixxu għad-dimostrazzjonijiet;

3. Jistieden lill-Gvernijiet tas-Sirja, tal-Baħrejn u tal-Jemen iwaqqfu l-arrest arbitrarju u d-detetenzjoni ta' attivisti politiċi u ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;

4. Jikkunsidra neċessarju li l-Gvernijiet tas-Sirja, tal-Baħrejn u tal-Jemen jimmiraw għal aktar demokratizzazzjoni u jimplimentaw riformi demokratiċi mingħajr dewmien billi jintroduċu liġijiet ġodda li jwessgħu l-parteċipazzjoni politika u dik tas-soċjetà ċivili;

5. Jinnota d-deċiżjoni tal-President tas-Sirja Bashar al-Assad li jifforma kumitat legali biex jeżamina t-tneħħija tal-liġijiet ta' emerġenza; iħeġġeġ lill-kumitat jaħdem favur ir-revoka tal-leġiżlazzjoni ta' emerġeza tal-1963;

6. Jistieden lill-partiti kollha involuti fid-diskussjonijiet fil-Jemen dwar il-qsim tal-poter biex jaġixxu bl-akbar moderazzjoni u jieħdu l-passi neċessarji biex titnaqqas it-tensjoni mingħajr ma jkun hemm aktar vjolenza;

7. Jenfasizza li d-dikjarazzjoni ta' stat ta' emerġenza fi kwalunkwe pajjiż ma teżentax lill-Gvern ta' dak in-Nazzjon mill-obbligi essenzjali tiegħu li jirrispetta l-istat tad-dritt u mill-impenji internazzjonali tagħhom favur id-drittijiet tal-bniedem;

8. Jistieden lill-Gvernijiet tas-Sirja, tal-Baħrejn u tal-Jemen biex iwettqu investigazzjoni indipendenti u trasparenti tal-azzjonijiet tal-forzi tas-sigurtà u li kwalunkwe membru tas-servizzi tas-sigurtà li spara jew ordna l-isparar fuq dimostranti mhux armati bl-użu ta' munizzjon attiv jinżamm responsabbli; jitlob li ssir investigazzjoni fil-Baħrejn fuq l-allegazzjoniet ta' ndħil barrani li instigaw lid-dimostranti jirrikorru għall-vjolenza;

9. Jistieden lill-awtoritajiet Sirjani biex iwaqqfu ċ-ċensura tal-Gvern fuq pubblikazzjonijiet lokali u barranin, u li jtemmu l-kontroll tal-Gvern fuq il-gazzetti u pubblikazzjonijiet oħra;

10. Jistieden lill-Gvern tas-Sirja jabolixxi l-Qorti Suprema għas-Sigurtà Statali (SSSC) u joħloq kummissjoni ġudizzjarja indipendenti biex tirrevedi l-każijiet eżistenti quddiem il-qorti;

11. Jikkundanna d-deċiżjoni tal-parlament tal-Jemen biex tiġi introdotta liġi ġdida dwar l-emerġenza u jitlob lill-awtoritajiet biex joħolqu bidla permezz ta' riformi u djalogu mad-dimostranti minnflok l-użu tal-forza;

12. Jistieden lill-awtoritajiet fit-tliet pajjiżi jagħtu rendikont pubbliku ta' kull persuna li nqatlet, indarbet jew ta' dawk li għadhom ma nstabux;

13. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Baħrejn jirrispettaw in-newtralità tal-għoti tal-kura tas-saħħa u jħeġġiġhom jeħilsu lill-persunal mediku li ġie arrestat riċentement u jekk l-allegazzjonijiet jiġu ppruvati, iressqu quddiem il-qorti lill-uffiċjali tas-sigurtà responsabbli għal din is-sitwazzjoni;

14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Gvernijiet u lill-Parlamenti tal-Istati Membri u lill-Gvernijiet tal-Jemen, tas-Sirja u tal-Baħrejn.